5 ta' Ottubru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Geraldo Vella *versus* Avv. Dr. Joseph Fenech Adami et ne.

**Kuntratt — Klawsola Penali — Danni — Żgumbrament — Art. 1161 u 1163 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-klawsola penali f'kuntratt hija klawsola li biha wieħed mil-kontraenti, sabiex jassikura l-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni minnu assunta, jobliga ruħu għal xi ħaġa għall-każ li hu ma jeżegwix l-obbligazzjoni li jkun assunta. Il-penali hekk kuntrattata tirrappreżenta kumpens għad-danni*

*minħabba non-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni, b'mod li l-kreditur ma jistgħax jitlob kumulattivament il-ħaġa prinċipali u l-penali.*

*Imma jekk il-penali tkun ġiet stipulata għad-dewmien biss fl-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni, il-kreditur jista' jeżiġi tant il-waħda kemm l-oħra.*

*Għaldaqstant, jekk wieħed jobliga ruħu li jixtri dar, u l-bejjiegħ jobliga ruħu li jbiegħielu bil-patt li jikkonsenjalu d-dar f'ċerta data billi ma jibqgħax jokkupa dik id-dar, u fil-fatt il-bejgħ isir imma l-bejjiegħ jibqa' fid-dar u ma jikkonsenjahiex lix-xerrej meta kellu jagħmillu din il-konsenja, il-kreditur, bil-fatt li hu jaġixxi kontra l-bejjiegħ għall-iżgumbrament minn dik id-dar ma hux prekluż milli jeżiġi wkoll il-penali miftiehma għad-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni tal-konsenja tad-dar.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, talab li l-konvenuti nomine jiġu kundannati jħallsu lill-attur, bl-imgħax legali minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni, is-somma ta' £24.5.2 bħala penali għad-dewmien ta' Salvatore Farrugia li jħalli favur l-attur il-post Hompesch Street nru. 9, Fgura, skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt tad-9 ta' Frar 1957 in atti Dottor Micallef Trigona, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-kopja dok. "A", tal-att ta' bejgħ (fol. 11 tal-proċess li sejjer jissemma), li tinsab fil-proċess ċivili nru. 141/1957 fl-ismijiet "Geraldo Vella vs. Avukat Dr. Carmelo Agius et ne." maqtugħ fit-13 ta' April 1957, fl-attijiet tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona jirriżulta li l-attur xtara minn għand il-konvenut l-utili dominju tal-fond urban denominat "Sonny Boy", nru. 9 Hompesch Street, kuntrada tal-Fgura, limiti Tarxien, suġġett għas-subċens hemm imsemmi, bil-prezz konvenut ta' £1150, u bil-kondizzjoni, fost oħrajn, li l-fond kellu jiġi mħolli vojt fi żmien jumejn mid-

data tal-istess att, u li, fil-każ li l-venditur jonqos li jħalli l-post vojt favur l-istess kumpratur (l-attur) fit-terminu fuq pattwit, l-istess kumpratur ikollu favur tiegħu, oltre kull dritt ieħor spettanti skond il-liġi, penali li titħallas mill-venditur (il-konvenut), u li tkun ekwivalenti għall-imgħax bil-ħamsa fil-mija fis-sena fuq il-prezz imħallas fuq l-att għall-perijodu tad-dewmien;

Illi jidher ukoll, minn dik l-istess kawża li ġiet proposta kontra l-konvenut u l-mara tiegħu, jekk jidhrilha li għandha nteress, fil-21 ta' Frar 1957, għall-iżgumbrament fi żmien perentorju li kellu jiġi fissat mill-Qorti, li anki wara li ġiet deċiża dik il-kawża fit-13 ta' April 1957, u wara saż-17 ta' Mejju 1957, il-post imsemmi ma kienx ġie mħolli vakant. Anzi skond il-provi rriżulta li l-post imsemmi ġie vakat fil-15 ta' Lulju 1957, u ċjoè 154 ġurnata wara l-ftehim;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 1161 tal-Kodiċi Ċivili, "A penalty clause is a clause whereby a person, for the purpose of securing the fulfilment of an agreement, binds himself to something in case of non-fulfilment"; imma skond l-art. 1163 tal-istess Kodiċi, il-penali tirrappreżenta kumpens għad-danni għan-non-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni, u l-kreditur ma jistgħax jitlob kumulattivament il-ħaġa prinċipali u l-penali, ħlief meta l-penali tkun ġiet miftehma għal-dewmien biss;

Illi, fil-każ in diżamina, il-penali ġiet pattwita għas-sempliċi dewmien; b'mod li, bil-fatt li l-attur talab l-iżgumbrament tal-konvenut u martu mid-dar in kwistjoni, huwa mhux prekluż li jitlob l-istess penali;

Illi għalhekk it-talba attriċi hija ġustifikata;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi; bl-ispejjeż għall-konvenuti nomine.